**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 668/2016 CFF**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Keith Arnaud)**
**(Spettur Trevor Micallef)**
**vs**
**David Camilleri**

**Illum il-Hamis 16 ta' Frar, 2017**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

David Camilleri, iben Francis u Maria Rosaria nee' Zammit, imwieled ir-Rumanija, nhar l-20 ta' Mejju 1994, residenti gewwa 26, Triq il-Knisja, Qrendi, detentur tal-karta tal-identita' 565194M.

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fl-10 ta' April, 2011 xi hin qabel id-disgha u ghoxrin ta' fil-ghodu (09:20 a.m.) f'dawn il-Gzejjer, waqt li kien fil-Bajja ta' San Gorg, Xatt ta' San Gorg, San Giljan, San Giljan u/jew fil-vicinanzi:

1. B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna l-mewt ta' Hasan Matar Khamis (Art. 225(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta).

2. Akkuzat ukoll talli fl-istess perjodu ta' zmien kiser il-provedimenti tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, meta kien instab hati mill-Qrati ta' Malta u gie imqieghed taht Ordni ta' Probation ghal zmien tlett snin, liema sentenza saret definittiva u ma gietx mibdula.

B'digriet tal-Qorti tas-16 ta' Frar, 2017, fuq talba tal-Prosekuzzjoni, giet mizjuda talba ohra li taqra hekk:

3. Jekk l-imputat jinstab hati, ghandu jhallas l-ispejjez kollha relatati mal-inkjesta magisterjali ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-Ufficjali Prosekuturi qraw u kkonfermaw bil-gurament l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputat fis-seduta datata 16 ta' Frar, 2017.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', estratt mill-att tac-certifikat tat-twelid ta' l-imputat, il-fedina penali aggornata ta' l-imputat, current incident report, stqarrija rilaxxjata mill-imputat immarkata bhala Dok KA1, aerial photo mmarkata bhala Dok KA2, police bail immarkat bhala Dok KA3 u l-procces verbal immarkat bhala Dok NC1.

Wara li sar l-ezami ta' l-imputat ai termini ta' l-artikoli 390(1) u 392 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu kif registrata fis-seduta tal-lum quddiem din il-Qorti kif preseduta.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq biex jekk irid, seta' jerga' lura minnha u fil-fatt huwa rega' tenna l-istess ammissjoni tieghu.

Il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 392A(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fid-dawl ta' l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ta' l-imputat pprocediet biex tiddeciedi fuq il-mertu tal-kaz u konsegwentement ikkonvertiet f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat irregistra ammissjoni ghall-akkuzi kollha kif migjuba kontra tieghu, u ghalhekk fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandiex triq ohra salv li ssibu hati taghhom.

Ghalhekk il-fatt li l-imputat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu fl-ewwel opportunita' moghti lilu minn din il-Qorti tqis l-ammissjoni tieghu bhala wahda bikrija u dan ghaliex il-Qorti ma kelliex ghalfejn tiddedika iktar hin minn taghha biex jingabru provi.

Il-Qorti thoss li in vista tac-cirkostanzi tal-kaz, fehemet li din kienet cajta li spiccat hazing hafna, in vista wkoll ta' l-involontarjeta' tal-kaz *de quo* ma tarax li ghandha tigi inflitta piena ta' prigunerija effettiva fir-rigward. Madanakollu l-Qorti tara li ghandu jkun hemm sentenza idonea b'tali mod li l-imputat ghandu mannara fuq rasu u jekk se jerga' jxellef idu mal-gustizzja jaf li allura se jaffaccja konsegwenzi legali serji hafna.

**Decide:**

**Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 225(1) u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta u l-ammissjoni bikrija hafna fl-ewwel opportunita' moghtija lill-imputat, qeghda ssib lill-imputat hati ta' l-ewwel akkuza kif dedotta kontra tieghu u tikkundannah ghal perjodu ta' sentejn (2) prigunerija li bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal erba' (4) snin mil-lum.**

**Rigward it-tieni akkuza l-Qorti qeghda taghzel li ma titrattax mal-hati stante li r-reati li tieghu qieghed jigi akkuzat illum u li tieghu nstab hati, saru qabel ma nghata l-ordni ta' probation.**

**Il-Qorti tordna lill-hati sabiex ihallas l-ispejjez peritali kollha relatati ma' l-inkjesta magisterjali ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta'**

**Malta, liema somma hija ta' elf disa' mija disgha u erbghin Ewro u dsatax-il centezmu (€1949.19) u ghandha tithallas fi zmien tliet (3) xhur millum.**

**Ai termini ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat fi kliem semplici l-portata tas-sentenza moghtija ai termini ta' l-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Ai termini ta' l-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li din is-sentenza flimkien ma l-atti tal-proceduri jigu mghoddija lill-Avukat Generali ai termini tal-Ligi.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**